MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 16

11 ta' Frar 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 16 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 15 tad-19 ta' Jannar 2009 ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Tismija mill-ġdid ta' Triq it-Tonn u Triq Sant' Elena (T/4/1/Vol II)

2.1.2. Inqrat ittra datata 24 ta' Jannar 2009, fejn il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq ma' aċċettax li parti minn Triq Sant' Elena u Triq it-Tonn jissemmew mill-ġdid għall-Ispiżjar Arthur Camilleri u Monsinjur Ġużeppi Schembri, rispettivament. Dan minħabba d-disposizzjonijiet ristrettivi fir-regolament ta' l-Avviż Legali 176 ta' l-1995. Min-naħa l-oħra l-Kumitat wera li lest jikkonsidra proposti oħra għat-tismija ta' toroq lil dawn il-personaġġi.

2.1.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li alternattiva oħra tista' tkun li Triq Dun Franġisk Sciberras, bejn Triq Sant' Elena u l-pjazzetta li tmiss ma' Triq Sammy Bartolo tingħata wieħed mill-ismijiet mitluba. Huwa kkummenta li ħafna nies għandhom l-impressjoni li Triq Dun Franġisk Sciberras ma tkomplix bl-istess isem mill-pjazzetta 'il fuq.

2.1.4. Is-Segretarju għarraf li resident li għandu proprjetà fi Triq is-Sagħtar talab li jingħata isem lit-triq jew taraġ, li jrid isir aktar 'il quddiem, illi jgħaqqad ma' Triq l-Għerien.

2.1.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tintalab rikonsiderazzjoni billi fir-rigward ta' Triq it-Tonn, teżisti Dawret it-Tunnara li għandha l-istess sinifikat, filwaqt li Triq Sant' Elena hija maqsuma b'mod ċar minn Triq Ġorġ Borg Olivier. Ġie mtenni wkoll li fiż-żewġ każi n-numru ta' residenti huwa żgħir ħafna, kif ukoll m'hemmx negożji fihom.

### 2.2.1. Introduzzjoni ta' *Letter Box* pubblika f'Ta' Masrija (L/1)

2.2.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta minn Stephania Sant li qed tipproponi li ssir *letter box* pubblika fiż-żona ta' Triq il-Garni, Triq il-Lellux jew fi Triq il-Fortizza qrib il-bini l-*Exchange* tat-Telefon. Hija kkummentat li l-eqreb waħda tinsab fi Triq il-Kbira.

2.2.3. Is-Segretarju ta lista fejn jinsabu l-*letter boxes* pubbliċi kollha li jeżistu fil-Mellieħa. Huwa aċċenna wkoll li qrib il-post indikat fit-talba – fi Triq il-Mitħna l-Qadima, kantuniera ma' Triq l-Għorgħar teżisti *deposit box* li jużawha l-ħaddiema tal-Maltapost.

2.2.4. Il-Kunsill qabel li t-talba għandha tiġi mgħoddija lill-Maltapost plc għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

### 2.3.1. Iskema ta' Inizjattivi Sportivi għall-Kunsilli Lokali 2009 (S/4/2/Vol III)

2.3.2. Saret referenza għal ittra datata 29 ta' Jannar mibgħuta mill-Kunsill Malti għall-Isports kif ukoll Memo 5/2009 tat-22 ta' Jannar 2009 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Iskema Ta' Inizjattivi għall-Kunsilli Lokali 2009 li hija intiża sabiex il-Kunsilli Lokali jiġu mħajra jorganizzaw attivitajiet sportivi. L-istess skema ġiet imnedija waqt konferenza stampa fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Mellieħa fit-22 ta' Jannar. Permezz ta' l-iskema l-Gvern Ċentrali qed jalloka €60,000 sabiex jinkaraġġixxi inizzjattivi sportivi matul l-2009. Kull kunsill jista' jibbenefika sa' massimu ta'€3,000. Id-data ta' għeluq għall-applikazzjonijiet hija l-20 ta' Frar 2009.

2.3.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ppropona li għandha ssir talba fir-rigward tal-Festival Sportiv illi jiġi organizzat flimkien bejn il-Kunsill Lokali u l-Mellieħa Sports Club.

2.3.4. Is-Sindku għarraf li x-xiri ta' apparat u attrezzi oħra marbuta ma' l-isports jikkwalifikaw taħt l-iskema. Is-Sur R. Cutajar għalhekk issuġġerixxa li għandha ssir talba sabiex jinxtara apparat tal-*keep fit* għall-Dar il-Madonna tal-Mellieħa, fejn ikun jista' jintuża mir-residenti tagħha, kif ukoll minn min jiffrekwenta ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum li ser jinfetaħ fl-istess dar aktar 'il quddiem.

2.3.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill laqa' il-proposta mressqa mis-Sindku fil-minuta 2.3.4. aktar 'il fuq, filwaqt li ddeċieda wkoll li l-Festival Sportiv jista' jiġi nkluż taħt skema oħra simili li nieda l-Kumitat Olimpiku Malti.

### 2.4.1. Proġett taħt il-*Youth Initiative Programme* ta' l-UE (P/10/2/Vol III)

2.4.2. Saret referenza għal ittra datata 20 ta' Jannar 2009, mibgħuta mill-European Union Programmes Agency, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ntlaqgħet l-applikazzjoni għall-finanzjament ta' proġett bl-isem "*The Environment Through Art – An Event of Artistic Expression*". Il-Kunsill ġie mfakkar li għalkemm l-ispejjeż ta' din l-inizjattiva ġew stmati €10,000, is-somma approvata kienet €6,000.

2.4.3. Is-Sindku aċċenna li l-kuntratt li jkopri din l-għotja ġie ffirmat fis-6 ta' Jannar 2009. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li għalkemm l-applikazzjoni ngħatat punteġġi għoljin, kien hemm ħafna kompetizzjoni minn talbiet oħra.

2.4.4. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 2.5.1. Attivitajiet sportivi organizzati flimkien mal-Mellieħa Northenders Baseball (S/6/Vol IV)

2.5.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta mill-Mellieħa Northenders Baseball sabiex il-kunsill ikun strumentali biex jiġi organizzat *league* tal-baseball fuq bażi ta' *home and away*.

2.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jiġu identifikati metodi kif għandha tingħata l-għajnuna mitluba.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 14/01/09 - 05/12/09
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 14/01/09 – 28/01/09
- *Purchase Request Form* – 05/02/09
- Skeda ta` ilmenti - 0006/09 - 0079/09
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 19/01/09

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Xogħlijiet fi Triq il-Kbira bejn Triq il-Qortin u Triq Għajn Żejtuna (T/4/13/Vol VII)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fid-9 ta' Frar 2009 saret laqgħa ma' uffiċjali mill-Awtorità tat-Trasport u l-kuntrattur assenjat ix-xogħlijiet imsemmija dwar miżuri tat-traffiku li għandhom jittieħdu meta tingħalaq it-triq waqt li jkun għaddej il-kisi bit-tarmak.

4.1.3. Is-Sindku spjega li ż-żewġ karreġġjati f'din il-parti ta' Triq il-Kbira se jkunu magħluqa għall-vetturi matul il-jum kollu minn nhar l-Erbgħa 18 sal-Ġimgħa 27 ta' Frar 2009. Traffiku mid-direzzjoni tat-Telgħa ta' Selmun, Triq Lewis Wettinger u Triq Selmun, lejn iċ-Ċentru tal-Mellieħa ser jiġi mdawwar għall-Triq il-Fortizza, Triq ir-Rattan, Triq il-Kbira jew Triq Tas-Salib (vetturi zgħar biss). Traffiku li jkun ħiereġ miċ-Ċentru tal-Mellieħa fi Triq il-Kbira ser jiġi mdawwar lejn Misraħ Tas-Salib, Triq Tas-Salib, Triq in-Nases u Triq il-Fortizza. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li ser isiru avviżi fil-ġurnali biex jitħabbar dan l-arranġament.

4.1.4. Il-Kunsill innota u approva l-pjan spjegat.

### 4.2.1. Skema ta' inċentivi lill-awturi mil-lokalità (P/3/3)

4.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.2. tas-seduta preċedenti u fakkar illi l-pubblikaturi Miller Distributors Ltd lesti jisponsorjaw parti minn nefqa nvoluta. L-ispiża finali għal 500 ktieb *soft bound* ta' madwar 150 paġna kienet stmata li tammonta €1,600. Fakkar ukoll li din l-ispiża ser tonqos bl-intervent tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport illi lesti jikkontribwixxu €1,000 għall-pubblikazzjoni ta' l-ewwel ktieb. Is-Sur R. Cutajar qal li l-Gutenberg Press sabu diffikultà biex jittrasferixxu l-kontenut tal-ktieb bil-format mogħoddi mill-awtur u għalhekk kien hemm involuti numru ta' siegħat addizzjonali biex tingħeleb din il-problema li tellgħet l-ispiża totali minn €1,600 għal €2,000. Dan ikun ifisser li l-Kunsill ikun irid joħroġ total ta' €1,000.

4.2.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 4.3.1. Devoluzzjoni ta' beni ta' valur storiku u ambjentali (A/6/7/Vol II)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li s-Segretarjat Parlamentari għall-Artijiet u Erarji Pubbliċi ser jgħaddi ċ-ċwievet tat-Torri l-Abjad bil-għan li l-Historical Military and Maritime Society tkun tista' tevalwa l-ispiża meħtieġa għar-restawr tal-bini.

4.3.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li minkejja r-rappreżentazzjonijiet li diġa saru mas-Segretarjat Parlamentari, jeħtieġ tiġi sottomessa applikazzjoni skond il-proċedura stabbilita mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li sussegwetement jgħaddiha lid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Huwa qal li din tirrikjedi ċertu tagħrif finanzjarju li jeħtieġ tingħata mis-soċjeta` imsemmija.

4.3.4. Il-Kunsill innota l-progress li sar fuq it-talba li saret.

### 4.4.1. *Mobile telephony antenna* fi Triq Tas-Salib (P/5/8/S)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li tneħħiet l-antenna li twaħħlet fuq bini li jinsab fit-triq imsemmija fil-parti bejn Misraħ tas-Salib u Triq il-Barrada. Din tneħħiet wara li s-sid irrifjutaha.

4.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.5.1. Inawgurazzjoni tal-faċilitajiet fil-*Ground* Ta' Pennellu (S/4/1/3/Vol III)

4.5.2. Saret referenza għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku kkummenta li fattur illi ma sarx aċċenn għalih aktar qabel kienet l-attendenza tal-plajers tal-Manchester United Football Club – Ryan Giggs u Gary Neville – waqt l-inawgurazzjoni li saret fl-10 ta' Frar 2009. Attrazzjoni oħra kienet t-trofej tal-Premiership Ingliż u taċ-Champions League li kienu għall-wiri fil-Ground ta' Pennellu fid-9 ta' Frar bejn s-2.00pm u l-15.30pm. Huwa qal li dan sar bil-koperazzjoni tal-Manchester United Supporters Club Malta.

4.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.6.1. Ġbir ta' oġġetti abbandunati (V/1/Vol II)**

4.6.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 17.3. tas-seduta preċedenti u qal li huwa flimkien mal-Kunsillier J. Azzopardi u s-Segretarju attendew għall-konferenza stampa li ngħatat fi Triq il-Biedja fil-Manikata mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Konsultazzjoni Pubbliku u l-Informazzjoni Dr Chris Said – fis-27 ta' Jannar 2009. Mill-istqarrija li għamel l-Onorevoli Said sar magħruf li sa dakinhar kienu ħarġu s-sidien ta' 41 sit, li 30 minnhom tnaddfu mill-istess sidien. Inġabru 265 tunnellata ta' metal li l-bejgħ tiegħu ser jiffinanzja l-inizjattiva li qed tittieħed

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.7.1. Użu ta' kamra taħt Ġnien iż-Żerniq (P/4/16/Vol III)(P/4/4/Vol III)**

4.7.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 2.2.3. tas-seduta preċedenti u fakkar li qed issir pressjoni fuqu mis-sid tal-garaxx fi Triq San Ġużepp sabiex titneħħa x-xibka tat-tunnara li hemm merfugħa hemmhekk. Huwa qal li sab persuna illi lest iġorr din ix-xibka bi ħlas ta' €150.

4.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan ix-xogħol jista' jsir mill-ħaddiema ta' l-I.P.S.L. bil-koperazzjoni tal-kuntrattur responsabbli mix-xogħol tar-*resurfacing* tat-toroq.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 5 ta' Frar 2009.

5.3. Wara diskussjoni ġie deċiż li għandhom jinħarġu l-*purchase orders* li fadal jinħarġu.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-16 ta' Jannar u l-5 ta' Frar 2009.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopru l-perjodu bejn l-14 u t-28 ta' Jannar 2009.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

**7.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill (A/5/3/1/Vol X)**

7.2. Is-Sindku għarraf li l-inviti tas-serata tas-27 ta' Frar 2009 bdew jintbagħtu. Il-*props* tal-palk qed jitħejjew ukoll, għalkemm mhux ser ikun hemm *backdrop* fiss, billi l-effetti ser jinħolqu bid-dwal.

7.3. Is-Sur R. Cutajar ippropona li jindaqq numru mis-CD li ser iniedi fi ftit żmien ieħor il-vjolinista Simon Vella. Flimkien ma' dan huwa kellu talba mis-Sinjorina Josephine Mifsud sabiex tippreżenta l-ktieb tagħha *Wisdom of Life* lill-Prim Ministru u lis-Sindku.

7.4. Ġie propost li s-serata tkun waħda gala u għalhekk għandhom jsiru arranġamenti sabiex il-persuni li ser jiġu onorati u dak nominati jilbsu l-ilbies addattat. Għalhekk għandha tintbagħat ittra f'dan is-sens lill-persuni konċernati.

7.5. Il-Kunsill qabel li sabiex jitħaffef il-proċess ta' l-għażla għandha ssir laqgħa bejn il-Sindku u l-Kunsillier J. Buttigieg fit-18 ta' Frar 2009 bil-għan li jsir *shortlisting* tan-nomini li għadhom validi.

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku E. Bartolo illi tgħid:**

**"Billi il-Ftehim dwar l-Għoti Ta' Servizzi Mużikali ma' l-Għaqdiet Mużikali tal-Mellieħa, iffirmat fis-17 ta' Frar 2006, ġie fi tmiemu fil-31 ta` Diċembru 2008;**

**Billi s-Sotto-Kumitat responsabbli mir-Relazzjonijiet ma' l-Għaqdiet iddiskuta skeda ġdida ta` servizzi mużikali għal matul is-sena, kif ukoll irreveda r-rati ta` ħlas fuq medda ta' tliet snin; u**

**Billi l-abbozz ta` l-istess ftehim kien ġie approvat fil-prinċipju mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali permezz ta' ittra datata 18 ta' Marzu 2003;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi jawtorizza lis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw il-ftehim kif emendat għat-tliet snin li ġejjin, b'effett retroattiv mill-1 ta` Jannar 2009, skond il-test mehmuż ma' din l-aġenda.". (K/2/53)**

8.2. Kien hemm qbil li d-diskussjoni fuq din il-mozzjoni ġiet posposta peress li l-għaqdiet konċernati kien għad ma kellhomx żmien biżżejjed biex jaraw it-test.

## 9.1. Attivitajiet soċjali f'Misraħ il-Parroċċa (A/6/3/2/Vol V)

9.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat mit-*tour operator* Sun Ray Travel li fis-27 ta' Awwissu 2009 qed jippjanaw sabiex jarmaw Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa bl-imwejjed u siġġijiet, bħala parti minn programm ta' żjara li ser jagħmel il-grupp li huma ser iġibu Malta.

9.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li għandha issir applikazzjoni formali mid-ditta msemmija,. filwaqt li jeħtieġ tinġieb *clearance* mill-barijiet li joperaw f'Misraħ il-Parroċċa. Jeħtieġ tiġi kwantifikata l-medda li ser tiġi okkupata sabiex jiġi stabbilit id-dritt imħallas skond l-Avviż Legali 119 ta' l-2002.

9.4. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li d-ditta General Soft Drinks Ltd qed tippjana serjè ta' attivitajiet kulturali li flimkien mal-Mellieħa ser jinkludu r-Rabat t'Għawdex, il-Birgu, il-Belt Valletta u l-Imdina. Huwa qal li f'din l-attività ser tkun tinvolvi transport biex jinġiebu n-nies f'Misraħ il-Parroċċa, kif ukoll tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet, li l-użu tagħhom ser ikun limitat bil-ħin.

9.5. Il-Kunsill approva fil-prinċipju l-organizzazzjoni taż-żewġ attivitajiet imsemmija.

## 10.1. Tieni Fażi tal-Proġett ta' l-Ibraġ – Park għall-Familja (P/4/6/Vol III)

10.2. Is-Sindku ressaq pjanta preliminari li tħejjiet mill-periti M.P. & D.C. Ltd dwar it-tieni fażi tal-proġett imsemmi. Huwa ppropona li din il-fażi tkun tikkonsisti f'korsa ta' l-atletika, multi-purpose court, sienja antika, kif ukoll ġiebja għall-ilma li jinġabar mit-toroq tal-qrib.

10.3. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa qed jistħarreġ il-possibilta` li x-xogħol isir mill-ħaddiema tad-Divżjoni tax-Xogħlijiet, kif ukoll li jinġieb finanzjament mill-fondi amministrati mill-MEPA. Huwa spjega wkoll li dan il-proġett diġa ġie diskuss ma' uffiċjali mid-Direttorat ta' l-Ippjanar bil-għan li l-ipproċessar tal-pjanti ma jieħux ħafna fit-tul.

10.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 11.1. Abbozz ta' ftehim dwar it-tmexxija tax-Xelters (A/6/7/Vol II)

11.2. Is-Sindku fakkar li l-abbozz tal-ftehim dwar ix-xelters imsemmija, approvat mill-Kunsill fis-seduta Nru. 9 tas-16 ta' Settembru 2008, kien ġie mgħoddi lill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina. Is-Sur R. Cutajar qal li minn kuntatti li huwa u s-Segretarju C. Debono kellhom ma' l-għaqda, deher li dawn qed joġġezzjona għall-*proviso* mal-klawsola 2 (i) li tistipula li l-għaqda għandha tħallas 10% tad-dħul. Dan għaliex l-attrezzar tax-xelters sar kollu mill-għaqda, li qatt ma talbet is-sostenn finanzjarju tal-Kunsill.

11.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li l-għaqda qed toġġezzjoni wkoll għall-klawsola 5 (ii) dwar ir-rappreżentanza tagħha fuq is-*Supervisory Committee*. L-għaqda qed titlob li jkollha l-maġġoranza fuqu. Dan peress li mhux qed tirrikorri għand il-Kunsill biex tattrezza l-post.

11.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għat-tibdil mitlub.

## 12.1. Rappreżentanza fuq il-Bord tal-Park Majjistral (A/4/10)

12.2. Is-Sindku għarraf li Dr Stanley Zammit temm il-kariga bħala *Chairman* tat-Bord tat-Tmexxija dwar il-Park tal-Majjistral u minfloku nħatar Is-Sur Ian Castaldi Paris. Huwa qal li fiduċjuż illi l-pressjoni li qed issir ser tħalli l-frott bil-għan li l-Kunsill Lokali ikun rappreżentat fuq il-Bord ta' Tmexxija.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-10.00 pm u ġie deċiż li l-kontinwazzjoni tagħha ssir nhar it-Tlieta 24 ta' Frar 2009 fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |